# 5. Il-Ħażna tal-Peprin

It-tnejn flimkien, ja nemla ġol-imħażen
ġbarna ta' Ġunju l-ġid; inti fid-dwejra
tiegħek taħt l-art ġarrejt tax-xemx fil-karga
ix-xgħir imdieheb, xgħira wara xgħira,

U jien fil-kmamar ta' bla għadd ta' moħħi
ġarrejt l-ilwien tal-firxa tal-peprin,
hemm barra l-Bombi mnissel l-ewwel darba,
għad-dell ta' siġar għolja u bellusin.

Tulek, ja Ġunju, lejla wara lejla,
fis-skiet tgħaxxaqt, twaħħadt ma' dak il-ġmiel;
daqqa nistħajlu fil-mistrieħ miġbura
qtajja' qtajja' ta' friefet ta' kull ħjiel,

Daqqa nistħajlu ta' kewkbiet mixgħela,
kollha jilmaw fit-trejqa ħalibija –
biss dawn il-kwiekeb minn kull lewn imżewqa,
u l-lejla tagħhom lejla ħadranija.

U meta ġie Jannar bil-ward u r-reżħa,
u t-tnejn stkennejna ġewwa d-dwejra tagħna,
int taħwi bdejt, ja nemla, l-qmuħ dehbija,
u ttiegħem dik il-benna qatt xebgħana;

U jien ġo soddti dlonk bdejt ngħum, nitbahrad
ġo baħar ta' peprin, baħar ta' ġid,
ferħan li peprin nista' ta' kull ħlewwa
naħtaf u naqta' kemm u xħin irrid.